**18 ta' Mejju, 1995**

**Imħallef:-**

**Onor. Carmel A. Agius B.A. LL.D.**

Lawrence Farrugia

*versus*

Joseph Fava

## Interess Ġuridiku - Kjamat fil-Kawża - Integrita` tal-Ġudizzju

*L-attur fittex għall-ħlas għal xorb ordnat. Il-konvenut eċċepixxa li x-xorb ma kienx għalih iżda kien iffirma xi dokumenti mingħajr ma saret ebda riserva jew indikazzjoni li x-xorb ma kienx għalih.*

*Oltre l-meritu prettament fattwali hija interessanti u prezzjuża l-osservazzjoni tal-Qorti ta' l-Appell illi l-istitut tal-kjamat fil-kawża ma jistax jiġi applikat, ma għandux ikun hemm rikors għalih, fil-każijiet fejn il-ġudizzju jkun diġa` integru bil-presenza fil-kawża tal-konvenut u fejn ir-responsabilita` tal-konvenut* vis-a-vis *l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma'*

*ħaddieħor li kwantu għall-attur jibqa' terz, forsi interessat, li pero' miegħu ma jkunx hemm relazzjoni ġuridika.*

*Ġiet kkonfermata s-sentenza ta' l-ewwel Qorti li laqgħet it-talba attriċi.*

Il-Qorti:-

Rat is-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti tal-Maġistrati (Malta) fis-16 ta' Frar, 1995 li minnha sar dan l-appell u li taqra hekk:

"Rat l-avviż ippreżentat mill-attur fl-20 ta' Ottubru, 1994 fejn talab lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jħallas lill-attur is-somma ta' mija, tnejn u tletin lira u sittin ċenteżmu (Lm132.60c) rappreżentanti prezz ta' xorb mibjugħ mill-attur lill-konvenut f'Ġunju 1992. Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja ddatata 18 ta' Awissu, 1993 u tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 1557/93 u bl-imgħax kummerċjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv;

Il-konvenut ġie inġunt għas-subizzjoni;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fejn eċċepixxa illi t-talba attriċi nkwantu diretta lejn l-eċċipjenti, hija nfondata fil-fatt u fid-dritt inkwantu l-istess eċċipjenti ma kellux u ma għandux ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur, rigward għall-bejgħ;

Illi l-akkwist kien sar mis-soċjeta` Brosis Company Limited u Raymond Debono, direttur ta' l-istess soċjeta` obbliga ruħu li jħallas dan id-dejn personalment u għalhekk l-istess Raymond Debono għandu jiġi kkjamat in kawża;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Ikkunsidrat:

Illi rriżulta mill-provi li fil-25 ta' Ġunju, 1992, il-konvenut ħa konsenja ta' kwantita' ta' xorb u minerali kif murija fl-*invoice* nru. 1775 ta' l-istess sena ppreżentata mill-attur. Dan ix-xorb u minerali kien intiż għall-*Down Town Bar*, Marsaskala, li kien ġestit mit-tifel tal-konvenut u Raymond Debono. Jidher li wara ċertu żmien kien hemm xi disgwid bejn Raymond Debono u t-tifel tal-konvenut u minħabba f'hekk l-attur baqa' ma tħallasx għall-konsenja li ta lill-konvenut;

Il-konvenut jirrikonoxxi li ħa x-xorb imsemmi fl-*invoice* u li l-firma fuqha kienet tiegħu pero' qal li dawn ma kinux għalih iżda għall-ħanut u, la hu ma kellux x'jaqsam mal-ħanut, ma kellux ikun responsabbli għall-ħlas. Fi kwalunkwe każ kien sar ftehim bejn ibnu u Raymond Debono fejn dan ta' l-aħħar assuma dan id-dejn. L-attur min-naħa l-oħra ma jaf xejn minn dan, jaf biss li x-xorb ħadu l-konvenut li kellu xi konnessjoni mad-*Down Town Bar*;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont dawn ir-riżultanzi proċesswali, il-Qorti jidhrilha li l-attur għandu raġun ifittex lill-konvenut għall-ħlas ta' din il-konsenja. Ix-xorb ħadhom il-konvenut u ffirma għalihom mingħajr ebda riserva u x'għamel bihom hi affari tiegħu għax il-bejgħ ġie kkunsmat fil-mument li ġie miftiehem il-prezz u l-oġġett identifikat, aħseb u ara meta ngħatat ukoll il-konsenja. Il-ftehim li sar bejn

iben il-konvenut u Raymond Debono hi għall-attur *res inter alios* u m'għandhiex taffettwa r-relazzjoni kuntrattwali li ġiet stabbilita bejn l-attur u l-konvenut li issa għandu dritt jippretendi li jirċievi l-ħlas tax-xorb ikkonsenjat. Jekk il-konvenut jippretendi li hemm ħaddieħor li għandu jerfa' din ir-responsabilita' dan jaraħ miegħu, iżda m'għandu l-ebda dritt jinnega pagament legalment dovut lill-attur u jinvoka ftehim li għalih l-attur ma kienx parti;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċidi billi tilqa' t-talba ta' l-attur u tikkundanna lill-konvenut li jħallsu s-somma ta' Lm132.60 rappreżentanti prezz ta' xorb mibjugħ lill-konvenut f'Ġunju, 1992. Bl-ispejjeż u interessi kummerċjali mid-data tal-konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut";

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Joseph Fava u l-petizzjoni ta' l-appell tiegħu li permezz tagħha talab li din il-Qorti jogħġobha tbiddel id-digriet mogħti mill-ewwel Qorti fis-16 ta' April, 1995 billi tilqa' t-talba tiegħu u tordna l-kjamata in kawża ta' Raymond Debono u tirrinvija l-proċess quddiem l-ewwel Qorti għall-kotinwazzjoni u fin-nuqqas ta' dan, fit-tini lok, in vista tas-sottomissjonijiet tiegħu tbiddel is-sentenza appellata u tiċħad it-talbiet attriċi diretti kontra tiegħu in kwantu infondati fil-fatt u fid-dritt. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellant;

Rat l-atti kollha u d-dokumenti esebiti inkluża r-risposta ta' l-appell ta' Lawrence Farrugia appellat;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appellant jissottometti illi huwa minnu illi l-akkwist mar jagħmlu huwa pero` għad-differenza ta' okkażjonijiet preċedenti, huwa din id-darba kien informa lill-attur li l-akkwist ma kienx għalih personalment iżda għad-*Down Town Bar* hawn Marsaskala. Skond l-appellant, dan il-fatt jirriżulta anke mix-xhieda ta' l-istess attur u anke mill-*invoice* esebita li tindika li l-akkwirent huwa d-*Down Town Bar* u mhux Joseph Fava;

L-appellant jissottometti li għalhekk jirriżulta ampjament illi f'kull każ it-talba għall-kjamata in kawża ta' Raymond Debono kienet għal kollox ġustifikata u magħmula f'każ tipiku fejn proprju kellha tintalab u tiġi awtorizzata l-kjamata fil-kawża;

Skond l-appellant dan jidher b'mod ċar li l-attur fil-verita` kien jaf mill-ewwel li l-appellant kien qed jagħmel l-akkwist għad-*Down Town Bar* u mhux għalih personalment, tant li mhux biss ħareġ l-*invoice* fuq id-*Down Town Bar*, iżda, wara li l-appellant fakkru b'dan meta ġie miktub il-ħlas, mar fid-*down Town Bar*, iltaqa' ma' Raymond Debono u sa għamel *stock-taking exercise* biex tinstab il-konsenja magħmla u ġie infurmat li Debono kien ser jibda jħallas bin-nifs;

Skond l-appellant jirriżulta li dawn l-aspetti kollha riżultanti mix-xhieda ġew injorati mill-ewwel Qorti li inoltre ċaħdet anke l-kjamata fil-kawża f'każ fejn evidentement kellha tilqagħha;

Ikkunsidrat:

Illi l-istitut tal-kjamata in kawża huwa essenzjalment wieħed diskrezzjonali għalkemm wieħed jistenna illi għandu jkun ibbażat ukoll fuq il-loġika. Effettivament, dan l-istitut ġie maħluq kemm

għal skopijiet ta' ekonomija ta' ġudizzju, kif ukoll għal skopijiiet ta' integrita` ta' ġudizzju;

F'dan il-każ partikolari, *prima facie* wieħed faċli ħafna jaqa' fit-tentazzjoni li jikkonkludi illi dan kien każ tipiku fejn kellha ssir il-kjamata fil-kawża mingħajr ebda diffikulta' anke stante l-fatt illi jidher illi l-attur stess f'ċertu sens jew f'ċertu livell għamel xi trattattivi mal-konvenut li kienu jinkludu wkoll fl-istampa fil-kwadru lil Raymond Debono;

In verita`, pero`, hemm aktar minn hekk, fis-sens illi l-istitut tal-kjamat fil-kawża ma jistax jiġi applikat, m'għandux ikun hemm rikors għalih, fil-każijiet fejn il-ġudizzju jkun diġa` integru bil-preżenza fil-kawża tal-konvenut u fejn ir-responsabilita` tal-konvenut *vis-a-vis* l-attur hija indubitata indipendentement minn x'relazzjonijiet jista' jkollu hu ma' ħaddieħor li kwantu jirrigwarda l-attur jibqa' terz, forsi interessat, li pero` miegħu ma jkunx hemm relazzjoni ġuridika;

F'dan il-każ partikolari l-konvenut bħala l-ewwel eċċezzjoni tiegħu eċċepixxa li kienet mankanti għal kollox kull relazzjoni ġuridika ma' l-attur, tant hu hekk illi eċċepixxa illi t-talba attriċi in kwantu diretta lejh kienet infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu huwa ma kellux u m'għandux ebda relazzjoni ġuridika ma' l-attur rigward dan il-bejgħ. Din l-eċċezzjoni l-appellant ta meta jaf illi kienet teżisti *invoice* li ġiet aċċettata u ffirmata minnu bħala prova tal-konsenja tax-xorb in kwistjoni u meta kien jaf illi bħala fatt verament huwa kien il-persuna li rċieva dan ix-xorb u ffirma għalih;

Imbagħad l-appellant issottometta anzi eċċepixxa wkoll li l-akkwist kien sar mis-soċjeta` Brosis Company Limited u Raymond

Debono, direttur ta' l-istess soċjeta`, liema Raymond Debono kien obbliga ruħu li jħallas dan id-dejn personalment. Apparti l-fatt illi lanqas l-eżistenza ta' din is-soċjeta` Brosis Limited ma ġiet ipprovata b'mod legali jidher mit-totalita` tal-provi illi indipendentement minn x'funzjoni seta' kellu fil-*bar* in kwistjoni Raymond Debono u x'obbligazzjoni assuma internament *vis-a-vis* is-soċi fl-istess kumpannija, jekk kienet teżisti, u anke *vis-a-vis* il-konvenut appellant, b'dan kollu ma jirriżultax li fil-konfront ta' l-attur Raymond Debono assuma xi responsabilita` u obbliga ruħu għall-ħlas. Isegwi għalhekk, illi min verament kellu relazzjoni ġuridika - u dan indipendentement minn min kellu eventwalment jagħmel użu mix-xorb in kwistjoni huwa għal min kien destinat ix-xorb in kwistjoni - l-unika persuna li kellha relazzjoni ġuridika ma' l-attur kien proprju l-konvenut li llum huwa fl-impossibilita` li jiddefendi dan il-każ sabiex daka għamel l-ordni u rċieva l-konsenja għalkemm indika d-destinzzjoni fejn kellha ssir il-konsenja kienet id-*Down Town Bar* huwa ffirma għall-istess *invoice* u għalhekk assuma r-responsabilita` tal-ħlas. Dana apparti minn konsiderazzjoni oħra emerġenti minn dak li xehed l-attur u ċjoe` illi l-konvenut tah x'jifhem illi huwa kellu xi konnessjoni intima ma' l-istess *Down Town Bar*;

Din il-Qorti għalhekk ma tarax illi ċ-ċirkostanzi huma tali illi għandha tiċċensura lill-ewwel Qorti fid-deċiżjoni tagħha li ma takkordax il-kjamata in kawża, kif ukoll id-deċiżjoni tagħha li ma takkordalux it-talba tiegħu li jipproduċi bħala xhud lil Raymond Debono speċjalment tenut kont tal-fatt li din it-talba l-istess appellant għamilha wara li qabel huwa kien għadu kemm iddikjara li m'għandux provi aktar xi jġib;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza

appellata. Spejjeż għall-appellant.